**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Brian Xuereb)**

**kontra**

**ABDUL RAHIM BASHAR**

**Illum it-18 ta' Ottubru 2022**

**Kaz Nru; 5511/22**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Abdul Rahim Bashar iben Abu Al-Qasem u Rabigha nee' Almosherki, imwieled gewwa Al-Zawiya, il-Libja nhar il-hdax (11) ta' Dicembru 2000, detentur tan-Numru tal-Pulizija 20LL-020, numru tar-Refcom 31770 u minghajr residenza fissa, akkuzat talli nhar il-25 ta' Awwissu 2022 ghall-habta tad-disgha u kwart ta' filghodu (09:15hrs) gewwa t-Triq Dragunara, San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-sperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligjiet ta' Malta, li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat titressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li nhar il-25 ta' Awwissu 2022, waqt li l-pulizija kienu qed jaghtu kontravenzjoni fuq vettura pparkjata hazin gewwa San Giljan (Triq Dragunara), nnotaw lill-qua imputat jagixxi b'mod suspettuz. Minn tfittxija li saret il-pulizija sabet fil-pussess tieghu hames pakketti b'sustanza hadra u xi pilloli. L-imputat gie arrestat. Is-sustanza misjuba giet esebieta fl-atti processwali odjerni.

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax pruvat li s-sustanza elevata mill-pussess tal-qua imputat kienet sustanza skedata fit-termini tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

Ghaldaqstant, fuq nuqqas ta' prova li s-sustanza elevata kienet effettivament is-sustanza ecstasy, din il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur

---

[1] Fol. 24 tal-atti processwali